# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 9 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 34/01 AJD*

Greetings Limited

vs

Gordon Borg

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Jannar, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitt liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm106.46) rappresentanti merkanzija li l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici u li naqas li jhallas l-ammont dovut minkejja li gie nterpellat diversi drabi inkluz bl-ittra bonarja datata 16 ta' Novembru, 2000.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, nonostante li deher fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 2001, fejn informa lit-Tribunal li qed jikkuntesta t-talba, u ser jipprezenta risposta fir-Registru, huwa naqas milli jaghmel dan.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Philip Manduca li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm106.46) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR